**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 28 ta' Marzu, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**-vs-**

**Chrisi Lanzon, detentur ta' karta tal-identita` bin-numru 220692M**

***Kumpilazzjoni Nru. 898/2012***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Chrisi Lanzon u ċioè talli:

> F' dawn il-Gzejjer u cioe` nhar l-24 ta' Awwissu, 2011, fi Triq Burmarrad, Burmarrad, ghall habta ta' 12:30hrs, waqt li kien qieghed isuq vettura, bin-numru ta' registrazzjoni JBG427 ta' ghamla Toyota Dyna, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi li ikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem tal- persuna ta' Ivelina Petkova;
>
> U talli wkoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBG427 ta' ghamla Toyota Dyna b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz;
>
> U talli wkoll soqt l-istess vettura minghajr licenzja u b' hekk ma kienx kopert b' polza tal-assikurazzjoni;
>
> F'kaz ta' sejbien ta' htija l-Prosekuzzjoni umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tiskwalifika lill-hati mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan u biex

ukoll tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 41 tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat lejn il-vittmi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reat li allegatament sehh fl-2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-24 ta' Jannar, 2017.

Illi **Dr Mario Scerri** kien ikkonkluda li l-parte leza, Ivelina Petkova, kienet soffriet griehi gravi wara incident awtomobilistiku. L-espert forensiku izda rrileva ukoll li l-parte leza kellha blood alcohol ta' 230mg%.[1] Quddiem il-Qorti qal hekk: *"Meta jkollok blood alcohol ta'* ***230 tkun fi stat ta' sakra mintix kapaci tikkowordina u ma taprezzax b'mod coherent dak li qed jigri madwarek****…… Din iddahlet ftit wara jigifieri qisu siegha wara l-incident ittiehed id-demm. Siegha wara li ddahlet l-Isptar Mater Dei, u nassumi li ddahlet l-Isptar Mater Dei ftit tal-hin wara, forsi xi nofs siegha wara. Jigifieri jekk ittiehed iktar tard u l-blood jinzel in the region of bejn 12 u 28, ahna nghidu 18 milligrams jigifieri jekk jghaddu saghtejn iktar 18 times 2 dejjem izid 18 kull siegha.* ***Gholi hafna….. 250 stat ta' sakra esagerata****."*

Illi **Ivelina Petkova** xehdet li kienet tispicca mix-xoghol fl-12:00pm u kienet sejra lejn Burmarrad biex taghti l-ikel lill-boyfriend taghha. Qalet li kienet fuq il-bus stop fejn ittenni li kienet *"pretty inside it is like closed busstop, there is no chance to see the cars they come."*[2] Tghid li kienet qeghda fuq il-bus stop *"waiting for the bus….[going] to Mosta"*[3] Tkompli li *"I was still on the line inside the bus stop yes…I was in the bus stop inside."*[4]Fl-ahhar tax-xhieda tghid li kien ahjar li tistenna l-bus vicin fejn kien hemm is-sigar.[5] Jinghad mill-ewwel li l-provi juru li <u>kienet ferm iktar il-barra mill-bankina fejn hemm is-sigar</u> li ssemmi u bl-ebda mod tal-imaginazzjoni fejn kienet jista' jitqies bhala li kienet 'inside'!

---

[1] Fol.108
[2] Fol.124
[3] Fol.127
[4] Fol.130
[5] Fol. 132

Illi kif tajjeb rrimarkat id-difiza, meta Petkova giet mitkellma mill-espert Buttigieg qatt ma kienet semmiet li kienet qeghda fuq il-bus stop tistenna xarabank anzi qalet li kienet sejra bil-pass lejn Burmarrad: *"I walked all the way…I did not have to cross the road as on the other side I know that there is no pavement…However in winter I walk on this road quite often."*[6] Il-Qorti osservat ukoll li meta mitkellma nhar l-1 ta' Settembru, 2011[7] gie rapportat li Petkova qalet hekk *"She doesn't remember anything. She added that all she knows is that she left Sirens where she works and was on her way to Burmarrad in order to give food to her boyfriend* ***who works further down Burmarrad Church.*** *When asked why she wanted to cross the road, she stated that she doesn't know as she had no reason of crossing the road. Further more she added that she ususally stays on the pavement* ***and walks*** *on the same side."*[8]

**Mela kif issa tghid li kienet fuq bus stop tistenna bus jekk hu cjar li hi kienet sejra bil-pass kif issoltu taghmel? U ghal xhiex kellha bzonn taqbad bus jekk is-sieheb taghha fi kliemha jahdem ftit l-isfel mill-Knisja ta' Burmarrad? Jaghmel sens li timxi bil-pass it-tul kollhu mis-Sirens izda fil-bicca tal-ahhar taqbad bus?** Hemm bosta divergenzi bejn dak li qalet u li tghid Petkova ma dak li jirrizulta mill-provi. Jekk ma kellhiex ghalfejn taqsam it-triq kif allura l-impatt mal-vettura sehh meta l-van kien vicin il-*continuous double white line* f'nofs tal-karreggjata? Altru` ma kienitx fid-dahhla tal-bus stop kif tallega. X'kienet qed taghmel fin-nofs ta' karreggjata? Petkova xehdet ***"No I was waiting I was trying to call my boyfriend because he was waiting. I don't remember what I was doing exactly."***[9] L-imputat kien ammetta li *"lemah lil Petkova illi skond hu kienet qed thares lejn id-direzzjoni ta' kontra traffiku u cioe` ma kenitx qed thares fid-direzzjoni li huwa kien gej minnha meta qasmet."*[10] Mhux eskluz li fil-hin li qabdet u qasmet dan ghamlitu ghax kienet aljenata titkellem mal-boyfriend taghha; mir-ritratti esebiti fil-fatt juru li fuq ix-xena instabu zewg mobile phones![11]

L-espert **Mario Buttigieg** fir-relazzjoni tieghu jikkonkludi li Lanzon ma kienx ikkoncentrat fis-sewqan tieghu ghaliex bil-velocita` moderata li kien qed isuq biha seta' jevita li jolqot lill-parte leza. Fil-fatt mill-kalkoli tieghu rrizulta li l-imputat kien qed isuq fil-limitu legali peress li kien sab li kien qed isuq b'41km/h[12] meta it-triq tippermetti velocita` ta' 80km/h (L.S.65.11).[13] Jghid li kien fil-karregjata tieghu aktar vicin il-*continuous white line* kif anke juru r-ritratti esebiti.[14] Il-Qorti tqis li l-espert Buttigieg ma kienx konsapevoli li Petkova kienet fi stat ta' sokor ghaliex minn imkien ma jirrizulta dan il-fatt,

[6] Fol.51
[7] Fol.78
[8] Fol.76
[9] Fol.126
[10] Fol.59
[11] Fol.26-27
[12] Fol.60
[13] Fol57
[14] Fol.63 et seq.

la fir-relazzjoni u lanqas fid-deposizzjoni tieghu. Ghalhekk il-konkluzzjoni tal-abbli espert triq tittiehed fil-kwadru kollhu tal-fatti li rrizultaw f'dan il-procediment fejn persuna fi stat ta' sokor facilment taghmel movimenti ghall-gharrieda w insensati. Fix-xhieda tieghu ix-xhud jghid li Petkova *"Kienet sejra bil-mixi lejn San Pawl il-Bahar. Kontra l-via tat-trakk. Mela t-trakk tiela' lejn il-Mosta, u hi niezla kontra.",*[15] izda mix-xhieda tal-istess Petkova kif ukoll mid-deposizzjoni taghha lill-espert u lil Pulizija fl-1 ta' Settembru, 2011 jirrizulta li hi kienet gejja minn San Pawl il-Bahar lejn Burmarrad u mhux bil-kontra![16] Fix-xhieda tieghu l-espert Buttigieg jaghmel osservazzjonijiet importanti ghall-fini tal-imputazzjonijiet addebitati lil Lanzon meta rigward il-velocita` li kien qed isuq jghid *"u kien ghaddej fi Triq Burmarrad bi tletin (30) mil fis-siegha….hemmhekk dik hija triq maggura,* ***kien well below dana****."* Dwar l-agir ta' Petkova jghid *"Mela ghal xi raguni….nizlet il-bankina, bdiet miexja fit-triq, biex tibqa ghaddejja dritta u hemmhekk sfat milquta."* Jikkonferma li fl-ebda hin meta ha l-verzjoni taghha, Petkova kienet semmiet li kienet qeghda tistenna fuq il-bus stop![17]

Illi fix-xhieda tieghu **Chrisi Lanzon** jghid li *"Jiena gej hekk sejjer lejn il-Mosta u hi qasmet fejn hawn is-sigar minn warajhom…. Jien rajtha kont kwazi wasalt maghha ezatt, ksirt kemm kemm il-vann u hadtha bil-kantuniera tat-truck xorta."*

Illi fi triq daqshekk traffikuza, irid ghalhekk jigi deciz jekk l-imputat setghax isuq b'aktar kawtela biex jevita s-sinistru? A tempo vergine l-imputat kien qal li *"f'hin minnhom harget quddiemu persuna min fuq il-bankina min bejn is-sigar u hija u thares lejn in-naha l-ohra tat-triq baqghet taqsam bil-konsegwenza li tajjara."*[18] Diga ntqal li l-imputat kien qed isuq b'41km/h, fuq l-*outer side* tal-karregjata - speed pjuttost baxx filwaqt li Mamo, li kienet ezatt warajh, tghid li kienet ghaddejja b'madwar 50-60km/h.[19] Jibqa l-fatt li din intlaqtet meta qasmet ghal gol-nofs il-karregjata fejn zgur li l-ebda sewwieq ma jista' jobsor li din ser tkompli taqsam dritt ghal got-traffiku gej ghal fuqha! Mhux minnu dak li tixhed li kienet baqghet gewwa il-*lay-by* tal-bus stop *"I was still on the line inside the bus stop yes…I was in the bus stop inside."*[20] Mhemmx dubbju li d-daqqa fuq il-vettura turi bic-cjar fejn sar l-impatt. Ir-ritratti esebiti ukoll jaghtu l-istorja taghhom u ma jhallu ebda dubbju li Petkova qatt ma kellha tasal sa dik il-parti tat-triq![21]

Dak li l-Qorti temmen li sehh kien li Petkova qatt ma kienet qed tistenna xi xarabank izda kif kienet solitament taghmel, kienet miexja fit-triq u fl-istat ta' sokor li kienet fih, qabdet u harget ghan-nofs it-triq. Hu ghalhekk li ghall-ewwel darba minn meta sehh il-kaz pruvat taghti l-impressjoni li kienet fuq bus stop. Jekk dan kien minnu, ghaliex qalet xi haga kompletament

[15] Fol.153
[16] Vide Fol.51 u 75-76
[17] Fol.154-155
[18] Fol.74
[19] Fol.50
[20] Fol.130
[21] Vide ritratti a fol.63 u 66

differenti meta mitluba taghti l-verzjoni taghha gimgha wara li sehh l-incident?[22]

Illi **Marilyn Mamo** xehdet kif kienet qed issuq bi speed moderat ezatt wara l-imputat, xi zewg metri l-boghod minnu, u f'salt daqqet il-horn ghax hasbet li kien waqat xi borza mill-van.[23] *"Fil-fatt jien ma bbrekjajtx. Ghax jiena daqqejtlu l-horn u waqaf ghax ma konniex ghaddejjin b'xi speed."*[24] **Tikkonferma li la hi u lanqas l-imputat ma avvicinaw il-parti senjata ghal-bus lane** *"Mija fil-mija li le."*[25] Aktar importanti tikkonferma li kemm hi kif ukoll l-imputat kienu qed isuqu fin-nofs tal-karreggjata[26] u li lanqas hi ma rat lill-parte leza.[27] Ta' rilevanza sabiex tigi stabbilita l-posizzjoni li l-van kien fiha fit-triq tenut kont li r-ritratti juru fejn waqaf il-van, Mamo tikkonferma li *"ibbrekja mal-ewwel, fis-sens jien daqqejt il-horn u hu waqaf. Lanqas il-vann ma' tefghu la genba jew xi haga."*.[28]

Illi maghdud dan kollu, mir-rizultanzi processwali ma jirrizultax sal-grad rikjest mill-ligi li dak li sehh kien attribwibbli, imqarr *in parte*, ghas-sewqan negligenti, traskurat jew perikoluz tieghu. Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni xehed ir-rapprezentant ta' Transport Malta, **Stephen Cachia**. Dan ikkonferma li biex tinstaq il-vettura involuta, Toyota Dayna, kien necessarju li s-sewwieq ikollu licenzja tal-kategorija C1. Din il-licenzja gabha biss fid-19 ta' Jannar, 2013,[29] izda meta sehh is-sinistru kellhu biss licenzja ta' Grupp B li tkopri vetturi sa massimu ta' 3,500kgs.[30] **Antoine Agius,** l-imghallem ta' lanzon xehed li ma kienx jaf li biex tinstaq il-vettura li kien qed isuq biha l-imputat kien hemm bzonn ta' licenzja differenti.[31] Il-kopja tal-log book esebit juri li l-vettura kkoncernata kellha piz gross ta' 4595kgs,[32] kif anke jikkonferma l-istess xhud.[33] Ghalkemm l-imputat jghid li hu strah fuq il-fatt li l-van kellhu mmarkat fuqu li kien ta' 2000kgs, fatt minnu innifsu kemmxejn suspettuz tenut kont li *family cars* diga' ikollhom piz sa 3500, hu kellu obbligu jaghmel il-verifiki tieghu mal-log book tal-vettura. Kjarament dan ma ghamlux. Il-Qorti anzi temmen li kien konsapevoli li ma kienx intitolat isuq vetturi f'kategorija C1 tant li kien biss f' Jannar tal-2013, aktar minn sena wara li sehh is-sinistru, li gab din it-tip ta' licenzja.

Illi t-tielet imputazzjoni giet soddisfacentement ppruvata.

---

22 Fol.78
23 Fol.145
24 Fol.146
25 Ibid.
26 Fol.147
27 Fol.149
28 Fol.150
29 Fol.135
30 Fol.52
31 Fol.54
32 Fol.13
33 Fol.135

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikolu15(1)(a) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputat hati tat-tielet imputazzjoni, tilliberah mill-kumplament, izda bl-applikazzjoni izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ta' l-Ligijiet ta' Malta tilliberah ghallkollox.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**